# Nżommu Ħajja t-Tifkira ta' Seħibna Frans Baldacchino 'Il-Budaj'



**Kitba ta' Louis VASSALLO**

*Viċi President ta' l-Għaqda Filantropika Talent Mosti*

Meta l-għannej prolifiku Frans Baldacchino 'Il-Budaj', inħasad minn fostna madwar sena ilu, waqfet ħesrem l-isbaħ għanja Maltija. Inutli tikteb dwar il-vojt li 'l-Budaj' ħalla fil-qasam ta' l-għana Malti u fil-kalendarju kulturali ta' pajjiżna. L-ebda tislima mhi ser tolqot l-aspetti kollha ta' ħajtu, kemm bħala persuna u kif ukoll bħala artist u għannej. Fuq kollox ir-rieda li dejjem wera biex jitgħallem u biex jiġġedded, għamlet lil dan l-għannej, raġel li jimpressjonak kemm bid-dedikazzjoni tiegħu kif ukoll bit-talenti li kellu.

## Ta' l-aħħar

Il-mewt bikrija 'tal-Budaj' fil-għomor ta' 63 sena ħasdet lil ħafna li kienu jafuh u jgħożżuh bħala ħabib. L-aħħar lokalità li żar biex fiha iferraħ lin-nies bil-għana bellusi tiegħu kien fil-Marsa.

Iżda aħna ta' Talent Mosti, l-aħħar li rajnieh u smajnieh kien nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006, meta fir-Razzett tal-Markiż fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel, għoġbu jtellgħa serata ta' għana u poeżija.

F'dik il-lejla xi ftit jew wisq friska ġmielha għal dan ix-xahar, 'il-Budaj' tana serata divertenti mhawra b'għana tal-fatt u dak spirtu pront, waqt li sab il-ħin biex jaqra xi poeżija jew tnejn li kiteb hu stess u kif ukoll ilissen xi ċajta tajba 'l hemm u 'l hawn!

Dan kollu u aktar, Frans għamlu b'mod professjonali, għalkemm din il-kelma lilu ma tantx kienet tinżillu!



Frans Baldacchino 'il-Budaj' waqt serata fil-bitħa tar-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel fil-Mosta.

## President Onorarju

Din is-serata memorabbli li fiha kien akkumpanjat minn żewġ kitarristi u żewġ għannejja mistiedna tiegħu fosthom anzjana ta' 70 sena miż-Żejtun, se tibqa' għalina lkoll l-aħħar tifkira għażiża ta' Frans.

U fid-dwejjaq u d-dispjaċir tagħna għat-telfa tiegħu ħabta u sabta minn fostna, il-ħsieb jimraħ lura fejn hemm il-memorja tlaqqgħana ma tant waqtiet sbieħ li aħna l-membri u l-ħbieb ta' din l-Għaqda kellna l-grazzja li ngawduhom meta Frans kien għadu mimli bil-għomor.

Għax 'il-Budaj' kien sar midħla sew ta' ċorma nies sinċieri li jiltagħu fiċ-ċentru kulturali tagħna biex jaqsmu t-talenti tagħhom ma' xulxin u jesponuhom għall-għarfien tal-pubbliku. Barra minn dan kollu, Frans kien ilu għal dawn l-aħħar tlett snin jokkupa l-kariga ta' President Onorarju ta' l-Għaqda.

## Esperjenza

Sa mill-Ħadd, 18 t'Ottubru 1998, meta dakinhar 'il-Budaj' kien il-mistieden tagħna flimkien ma' bosta persuni oħra għall-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tar-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone, sal-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006, għaddew tmien snin li fihom gawdejna l-preżenza u l-parteċipazzjoni sħiħa tiegħu.

Din l-esperjenza ħajja fuq medda ta' snin mhux ħażin, għalmitna nifhmu l-valuri kbar li ħaddan, waqt li f'ħajtu qatt ma ppretenda xejn u li bis-sempliċità tiegħu rnexxielu bla ma forsi ntebaħ, jiżrahom fostna. L-eżempju tajjeb li tana b'imġiebtu hi l-aqwa lezzjoni li ħadna minn għandu.

Għax Frans kien jagħmel kuraġġ lil dak li jkun għax kienet xewqtu li l-proxxmu tiegħu jkun kuntent bħalu.



*Xandara, kittieba u poeti fir-Razzett tal-Markiż. Mil-lemin: Manwel D Schembri, Frans Baldacchino, Charles Coleiro, Ġorġ Peresso, Charles Abela Mizzi, Dorothy Schembri Agius, Eileen Cassar, Prof. Oliver Friggieri, Joe Bartolo - il-President ta' l-Għaqda u l-Perit Lawrence Gatt.*

## Serati ta' għana

L-attivitajiet u l-okkażjonijiet li fihom 'il-Budaj' kien mitlub mill-kumitat ta' l-Għaqda biex jesprimi t-talenti varji li kellu fir-Razzett tal-Markiż, ma tantx tista' tgħoddhom kif ġieb u laħaq. Imma ħalli nsemmu xi wħud minnhom. Għal erba' serati sħaħ, 'il-Budalj' flimkien ma' għannejja mistiedna oħra akkumpanjati mill-kitarristi, dejjem offra sagħtejn ta' divertiment lil kulmin attenda u ppakkja kull rokna tal-bitħa, tat-taraġ u tas-setaħ arjuż. Jidher biċ-ċar li meta l-għana Malti jkun ippreżentat f'ambjent sabiħ u kumplimentari, il-pubbliku jirrikorri bi ħġaru. Il-fatt li wieħed jara u jisma' għannejja li jkunu għadhom tfal, oħrajn żgħażagħ u kif ukoll nisa anzjani jgħannu spalla ma' spalla ma' 'il-Budaj' meta kien mimli bil-għomor u s-saħħa, jista' jissarraf f'esperjenza unika għal dawk preżenti. Fost dawk li akkumpanjaw 'il-Budaj' bid-daqq ħlejju tal-kitarri fil-bitħa tar-Razzett tal-Markiż ta' min isemmi lill-Mosti Ronnie Calleja, Salvu Tanti 'il-Kanadiż' u l-emigrant mill-Awstralja Manwel Casha li hu wkoll kittieb, kompożitur u studjuż ta' l-għana, Johnny Grima 'il-Gaġġa'. Dawn is-serati ta' għana u poeżija 'mill-Budaj' ġew imtellgħa fl-24 ta' Settembru 1999, l-4 ta' Ġunju 2004, l-24 ta' Ġunju 2005, u l-aħħar waħda li saret nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2006 - dsatax-il jum biss qabel mewtu!

## Il-Ġimgħa Mqaddsa u aktar

L-impenn ta' Frans fi ħdan din l-Għaqda ssokta b'mod annwali bis-sehem tiegħu fis-serati mużiko-letterarji bit-tema tal-Passjoni ta' Kristu u t-tbatija umana. L-involviment sħiħ tiegħu f'din l-attività marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa, kien jikkonsisti kemm bħala għannej, fejn mis-sena 2000, kien mistieden flimkien ma' sehibna t-tenur Jimmy Mifsud biex bejniethom jaqsmu l-intervent mużikali u kif ukoll bħala poeta u ħassieb. Għax l-imħabba tiegħu għall-poeżija, kien ilha li tkebbset fih sa minn tfulitu. Fil-fatt, Frans, ippubblika żewġ kotba bil-versi tiegħu u dan juri li bħala poeta kellu l-ħabta joħroġ doża ta' fehmiet personali u esperjenzi. Fl-1995 Frans ħareġ 'Mrieżaq ta' Moħħi', waqt li fl-2004 fir-Razzett tal-Markiż saret il-preżentazzjoni tal-poema 'Lejn l-Art u s-Sema' - omaġġ lill-vers tat-tmienja mill-ħabib kbir tiegħu s-sur Charles Coleiro fejn kien intervistah u għamillu diskors ta' l-okkażjoni. Għax il-ħsieb ewlieni f'moħħ 'il-Budaj' kien, li jixxoxxa l-kelma Maltija msawta u maħqura minn uliedha stess! L-Arċipriet tal-Mosta Dun Mario Tong kien qal lil Joe Bartolo, li hu l-President ta' l-Għaqda Talent Mosti, li Frans kien jieħu sehem fil-funzjoni ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira fit-tlieta ta' wara nofsinhar billi kien ilissen għanja tassew sabiħa fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Din l-attività setgħet issehh għax 'il-Budaj' kien joqgħod fil-parroċċa ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem f'B'Kara, fejn Dun Mario Tong għamel xi żmien kappillan ta' din il-parroċċa. Kieku 'l-Budaj' ma ħalliex dan il-wied ta' dmugħ, x'aktarx li din l-għanja ta' Frans kienet titlehħen ukoll fir-Rotunda tal-Mosta fil-ġejjieni qarib. Iżda l-kieku u l-kien qatt ma raqdu flimkien, jgħid il-proverbju Malti.

## Innu u għanjiet riċerkati

Ma setax jonqos li Frans ma jiġix mitlub biex ikun bħala mistieden speċjali f'xi okkażjonijiet ta' ċertu mportanza fil-kalendarju ferm impenjattiv ta' din l-Għaqda. Hawn, il-memorja tiegħi qegħda tfakkarni f'żewġ attivitajiet partikolari. Nha is-Sibt, 19 ta' Lulju 2003, ġie mfakkar b'mod dinjituż l-20 anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda Talent Mosti permezz ta' akkademja mużiko-letterarja bl-isem ta' 'Inferrħu u Nifirħu'. Dakinhar ġie mżanżan għall-ewwel darba fil-pubbliku l-innu uffiċċjali ta' l-Għaqda fuq versi ta' Alfred C. Sant u mużika ta' Ray Agius. Dawn iż-żewġ Mostin u li huma membri tagħna, kienu tal-fehma li dan l-innu jitkanta 'mill-Budaj' innifsu. Il-kumitat u l-ħbieb ta' l-Għaqda laqgħu din l-aħbar, b'ferħ kbir. L-irrekordjar kien sar fl-istudjow ta' Philip Vella fil-Mellieħa u saru diversi kopji fuq diski kompatti fejn inbiegħu lil tant ammiraturi u emigranti.

Dakinhar, bħala parti mill-programm tas-serata, Frans niseġ għanja riċerkata sew dwar l-istorja ta' Talent Mosti u l-akkwist tar-Razzett tal-Markiż bħala s-sede ta' l-Għaqda u li kienet



*Kelma bejn tnejn! Tifkira ħajja minn serata mużiko-letterarja li l-Għaqda torganizza fil-Ġimgħa Mqaddsa fejn il-President Joe Bartolo jidher qed jieħu b'idejn 'il-Budaj' - il-ħabib ta' dejjem!*

intlaqgħet b'ċapċip kbir mill-mistednin preżenti. Barra din l-attività memorabbli, qed inġib quddiem għajnejja l-okkażjoni ta' meta l-Għaqda tat tislima xierqa u mill-qalb lill-Kap ta' l-Iskola 'Ġilju tal-Wied', Ms. Mary Doris Aquilina, għas-servizz twil li tat fil-qasam ta' l-edukazzjoni ta' pajjiżna. Dan is-sens ta' apprezzament u awgurju ta' mistrieħ mistħoqq lil din il-mara eżemplari, inagħtaw nhar is-Sibt, 29 ta' Mejju 2004, waqt ftuħ ta' wirja mill-iskultur magħruf Rabti Anton Agius u li ġiet inawgurata mill-E.T. Dr. Daniel Micallef. F'dik il-lejla, 'il-Budaj' ġie ppreparat b'għanja gustuża fejn fiha niseġ vrus ta' tifħir lil Ms. Aquilina waqt li bil-mod naturali tiegħu, sellem lill-mistednin distinti u rringrazzja lil kulħadd.

## Artist

Temmen jew le, l-ewwel impenn tiegħu f'dan iċ-ċentru kulturali ma kienx permezz ta' l-għana, lanqas bil-poeżija, iżda bl-arti kreattiva tiegħu! Kien sehibna Philip P. Borg li ntroduċieh magħna u fuq kollox ħajru biex itellgħa l-ewwel wirja personali ta' pittura fid-dar tagħna. Il-ftuħ uffiċċjali ta' din l-esebizzjoni artistika sar nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru 1999, mill-E.T. Dr. Daniel Micallef. B'sodisfazzjon ngħidu li din l-inizjattiva ġdida 'tal-Budaj', intlaqgħet tajjeb ħafna kemm mill-pubbliku kif ukoll mill-osservaturi ta' l-arti f'pajjiżna. Kull meta organizzajna xi wirja kollettiva



*'Il-Budaj' qed jilqa' lill-E.T. Dr. Daniel Micallef u lis-sur Joe Bartolo, waqt il-ftuħ uffiċjali tal-wirja tiegħu, is-Sibt, 19 ta' Settembru 1999.*



*Parti mill-kwadri esebiti fir-Razzett tal-Markiż fejn juru t-talent ta' 'il-Budaj' fil-qasam tal-pittura.*

ta' pittura u skultura, 'il-Budaj' dejjem ippreżenta xi biċċa xogħol ta' prestiġju.

Darba fost l-oħrajn kelli bżonn immur inkellmu fid-dar tiegħu, f'Birkirkara, rigward it-tifsila tal-programm tas-serata kommemorattiva f'għeluq l-20 sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda Talent Mosti. Frans li ma kienx jaf jgħid le, laqa' t-talba ta' sħabi ta' l-Għaqda bil-ħlewwa u bi pjaċir u kellimni dwar u wrieni fil-garaxx tiegħu għażla sħiħa ta' arti. Minn pittura biż-żejt fuq it-tila, jew tpinġija bil-lapes fuq il-karta, sa statwetti tal-Ġimgħa l-Kbira u oħrajn li juru karattri tipiċi Mlatin. Ngħid is-sewwa, kont dħalt fil-bejta ta' artist li hu tal-poplu daqskemm hu mal-poplu, waqt li l-kelba tiegħu 'Kikka' baqgħet tinbaħ għalija għal waqt twil mhux ħażin!

## Il-laqam ta' 'Budaj'

Niftakar li f'dik l-għodwa kont staqsejtu kif iddobba l-laqam tiegħu. Spiċċa l-aħħar nifs tas-sigarru u bil-kalma tipika tiegħu, talabni npoġġi bil-qegħda u ninsa lil 'Kikka' li kienet ftit, ftit, bdiet tidrani. "Ta' tfal li konna, il-logħba tal-ballun kienet popolari u erħilna nixxuttjaw u ngħajtu fl-isqaqien tar-raħal t'isfel, fiż-Żejtun, fejn twelidt u trabbejt. Mela darba, niskorja gowl sabiħ ħafna u l-gowler ta' kontra t-tim tiegħi, qalli b'vuċi għolja: "Ara hemm ħej, taħsibx li inti l-Budai!! Issa dan l-imbierek Budai, kien plejer Ungeriż famuż - Laszio Budai li twieled fl-1928. Dan kien jilgħab mat-tim nazzjonali ta' pajjiżu fit-Tazza tad-Dinja ta' l-1954 fl-Isvizzera u li waslu sal-finali, Iżda ma rebħuhiex, għax kienu rebħuha l-Ġermaniżi. B'hekk dan il-laqam baqa' jikber miegħi sal-lum, mhux hekk?!"

## Il-funeral

L-umiltà ta' Frans, kienet l-aktar ħaġa li tiġbdek lejh. 'Il-Budaj' baqa' sa l-aħħar nifs ta' ħajtu sinċier, ġentlom u b'saqajh ma' l-art, għax qatt ma nesa' minfejn beda triqtu. Nhar is-Sibt, 24 ta' Ġunju 2006, fil-għodu sar il-funeral tiegħu, kif kien xieraq fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun. Fi tmiem il-quddiesa, is-sur Charles Coleiro għamillu diskors ta' tislima li fih sejjaħlu 'Ambaxxatur' denn ta' pajjiżna u l-għannej li rnexxielu joħroġ l-għana mill-ħwienet ta' l-inbid u jitfgħu fl-ogħla istituzzjonijiet ta' art twelidna. Fuq iz-zuntier tal-knisja kien hemm l-Grupp 'Etnika' li għamillu eloġju sħiħ bil-kant u bid-daqq ta' strumenti tradizzjonali Maltin. Kif wieħed kien jistenna, kien hemm diversi għannejja, jgħannu għana ta' tifħir 'lill-Budaj', għalkemm ix-xewqa tagħhom li jgħannulu tnejn fil-knisja kif inhi d-drawwa fiż-Żejtun, ġiet miċħuda. U kien hemm ukoll, aħna l-membri ta' Talent Mosti li ssieħibna ma' mijiet ta' nies oħrajn minn madwar il-pajjiż kollu. Flimkien ma' kuruna tar-rand, imżewqa bl-isbaħ fjuri ta' kull lewn, ġibna magħna l-istandard uffiċjali ta' l-Għaqda u poġġejnieh biswit l-artal maġġur. Dan il-ġest simboliku għamilnieh, għax

ħassejna li b'hekk, bħala bnedmin tad-demm u l-laħam stajna nagħtuh omaġġ li jisthoqqlu.

## Tfakkar

L-Għaqda ħasset il-ħtieġa li torganizza ġabra ta' attivitajiet mifruxin fuq diversi xhur biex tfakkar u ssellem lil sehibna Frans Baldacchino 'il-Budaj'. Bdejna b'quddiesa fir-Rotunda, għall-bżonnijiet ta' ruħu nhar it-Tlieta, 25 ta' Lulju 2006, u li tqaddset mill-Arċipriet Dun Mario Tong, fejn attendew diversi qraba tiegħu, għannejja u ammiraturi.

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru 2006, Dr. Alfred Sant wara li temm taħdita dwar il-gosti tiegħu fil-qasam letterarju u kulturali, inawgura uffiċjalment vetrina li fiha kien hemm esebit kostum awtentiku u tradizzjonali Malti li kien iħobb jilbes 'il-Budaj' waqt is-serati li kien itellgħa madwar il-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin, biex dawk kollha li jżuru r-Razzett tal-Markiż tibqa' tiġġedded fihom l-ammirazzjoni għal dan l-għannej prolifiku u ta' rispett.



Is-Sinjura Pawla Baldacchino, l-armla ta' 'l-Budaj' tidher biswit Dr. Alfred Sant fl-isfond ta' persuni distinti u mistednin oħra waqt il-kxif ta' vetrina fl-għorfa tar-Razzett tal-Markiż li fiha hemm ippreservat b'għożża l-kostum ta' dan l-għannej prolifiku u maħbub. Kien il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru 2006.

L-Għaqda ħasset li bl-akbar rispett u dover twaqqaf bust, xogħol l-iskultur Anton Agius, biex 'il-Budaj' jibqa' preżenti fostna l-ħin kollu - bil-lejl u bi nhar, fil-ksieħ u fis-sħana. Kien nhar il-Ħadd, 4 ta' Marzu ta' din is-sena, meta f'ċerimonja qasira imma sinifikattiva u dinjituża li rriflettiet sew il-kollaborazzjoni li kellu 'il-Budaj' ma' Talent Mosti, is-Sinjura Pawla Baldacchino, kif xieraq inawgurat dan il-mafkar għażiż. Il-messaġġi ta' l-okkażjoni nqraw mis-sur Charles Abela Mizzi u mis-sur Peter Paul Ciantar.

Imbagħad, nhar il-Ħadd, 25 ta' Marzu 2007, waqt is-serata mużiko-letterarja sagra, fakkarna l-memorja tiegħu matul din is-serata kollha u li għaliha attenda pubbliku numeruż.

B'turija ta' rispett, l-Għaqda ddedikat serata sħiħa għalih nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju 2007, jum biss aktar minn għeluq is-sena minn mewtu. B'hekk l-Għaqda selmet kif xieraq lill-President Onorarju tagħha



Is-Sinjura Pawla Baldacchino, l-armla ta' Frans, tidher ma' l-iskultur Anton Agius u li f'nofshom jinsab il-bust ta' 'Il-Budaj', dakinhar tal-kxif uffiċjali tiegħu. Kien il-Ħadd, 4 ta' Marzu 2007.

permezz ta' tifkira li saret għaż-żiffa ħelwa fejn inqraw apprezzamenti mis-sur Charles Coleiro u s-sur Salvu Tanti. Waqt li l-apprezzament miktub minn Vince Psaila flimkien mal-poeżija ta' Xavier Galea u s-sunett ta' Frans Xuereb inqraw mis-sur Joe Vella. Il-poeżiji ta' Philip P. Borg u tas-sinjura Jasmine Grech inqraw mill-poeti nfushom. Ħadu sehem ukoll l-għannejja Leli Abela 'il-Bambinu' u Vince Carabott 'il-Bukku' flimkien m'ommu Fidiela. Waqt li Johnny Grima 'il-Gaġġa' u Salvu Tanti 'il-Kanadiż' akkumpanjawhom fuq il-kitarri. Il-kantanta Priscilla Psaila kantat il-kanzunetta 'Tisimgħu Tissaħħar' li flimkien ma' 'il-'Budaj' kienet rebħet il-festival 'L-Għanja tal-Poplu' ta' l-2001. Għal din l-attività attendiet udjenza ferm numeruża. Il-preżentazzjoni kienet f'idejn is-sinjura Margaret Agius.

## Identità

'Il-Budaj', wild u iben denn taż-Żejtun, il-bejta ta' l-għannejja Maltin, se jibqa' f'qalb dawk kollha li konna nafuh u li konna nammirawh, iżda fuq kollox li konna nħobbuh. Għax Frans Baldacchino kien blata samma ta' l-identità Maltija ta' art twelidna. U għalina ta' Talent Mosti, it-tifkira għażiża u ħelwa tiegħu mhix se tasal biex allaħares qatt titbiel, tisfar u tmut! Iżda t-tifkiriet[1] sbieħ li ħallielna Frans se jibqgħu jiġu mxettla u ndukrati b'imħabba f'dan il-post qadim fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel li tant kien iħobb u ta' spiss kien jaqbeż qabża sa għandna biex iżurna u jgħid kelma magħna, bħal familja waħda!

## Nostalġija

Waħda minn dawn it-tifkiriet ifewħu li baqalna hi għanja li Frans kien interpreta nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Settembru 1999, fir-Razzett tal-Markiż, waqt li kienet għadha għaddejja l-wirja tiegħu. Din l-ewwel għanja ta' 'Il-Budaj' fid-dar tagħna, ingħatat lilna minn sehibna Philip P. Borg, u li jkun tajjeb li nispiċċaw dan l-artiklu billi naraw flimkien is-sbuħija ta' din l-għanja spirtu pront u li tqanqal memorji u nostalġija bla tarf ...

Iltqajna f'dar-razzett sbejjaħ,
*tipiku tagħna l-Maltin,*
*dan l-ambjent antiki ġibidna*
*biex bl-għana ngħaddu ftit ħin.*

*Hawnhekk għandi x-xogħol għall-wiri*
*sabiex lilkom nesebih,*
*prosit lill-kumitat ħbiebi*
*għall-ġest tagħhom wisq sabiħ.*

*Għax kienet propju dina l-Għaqda*
*li ħabbibni sieħbi magħha,*
*Philip Borg artist, poeta,*
*ħabib tiegħi, ħabib tagħha.*

*li ħariġni minn dar żgħira*
*ġabni hawn nurikom x'naf,*
*Philip qal li jien artista*
*moħħi fqajjar, swaba ndaf.*

*U kienet propju din l-Għaqda*
*tagħtni l-opportunità*
*biex noħroġ xogħli mill-moħba*
*nuriħ lilkom b'umiltà.*

*Dina l-Għaqda Filantrop'ka*
*ma tgħinx bil-finanzi biss,*
*tgħin ukoll lil dawk l-artisti*
*li ma jurux xogħolhom spiss.*

*Għalhekk l-Għaqda għenet bosta*
*bil-ħafna xogħol li minnha sar,*
*b'din il-wirja li tellgħatli*
*sirtu tafuni aħjar.*

*Dejjem prosit Talent Mosti,*
*grazzi kbir irrid ngħidilha,*
*fil-ħidma, l-perseveranza*
*minn qiegħ qalbi nixtiqilha.*

*Grazzi lil Danjel Micallef,*
*talli għoġbu jonorani,*
*għax ra ftit tal-preġju fija,*
b'sieħbu ċkejken aċċettani.

*U ngħid grazzi lilkom kollha*
*li ġejtu ġo dan il-post,*
*biex tqattgħu ftit tal-ħin miegħi,*
*u nittama li ħadtu gost.*

*Jien niltaqa' ma' nies bħalkom*
*bilfors li nieħu pjaċir,*
*bħalm'hu Philip l-għażiż sieħbi*
*u ħabibi Joey ta' Spir.*

*Joey jaħdem u jistinka,*
*ma' sħabu tal-kumitat,*
*biex din l-Għaqda tiffjorixxi*
*moħħu żgur determinat.*

*Grazzi 'l Salvu u lil Ronnie*
*kitarristi ferm tajbin,*
*kemm inħossni kuntent magħhom*
*għax it-tnejn tant magħrufin.*

*Nixtieq kieku nibqa' ngħanni*
*għax ħadt gost f'dil-lejla magħkom,*
*u nixtieqkom tibqgħu ddoqqu*
*għax nixtieq nibqa' haw'magħkom,*

*imma issa bħalma tafu*
*illi l-ħin ġa' ġmielu sar,*
*u saqajja bdew jogħtruli'*
*aħjar immorru lejn id-dar,*

*u Charles Coleiro qed quddiemi*
*għalhekk bilfors illi naraħ,*
*u talli ppreżentani*
*minn qalbi nirringrazzjaħ.*

*Ħa Ħa Ħa ...*

1. Fost il-kullana mlewna ta' tifkiriet li ħallielna Frans, niltaqgħu ma' waħda partikolari u li għadha ppreservata b'għożża fuq vidjow tejp jew DVD u dan permezz tal-produzzjoni li kienet ħadmet l-Għaqda fis-snin 90 bl-isem ta' 'Ġaħan u l-Ħbieb' b'risq id-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi. 'Il-Budaj' kien strumentali biex l-għanja oriġinali li niseġ, irnexxielu jitlaq mit-tfulija ta' Ġaħan sa ma tgħarrfilna li kiber sew u sar raġel, lest biex itina tant praspar u bawxati!

**Referenzi:**


* Michael J. Schiavone/Louis J. Scerri, '*Maltese Biographies of the 20th Century*', PIN 14997;
* *Mill-ktieb tal-minuti*, mislutin mis-seduti tal-Kumitat ta' l-Għaqda;
* *It-Torċa*, Il-Ħadd magażin, 26 ta' Marzu 2006, 'L-Għanja li bdiet mir-raħal t'isfel' minn Charles Flores;
* *In-Nazzjon*, il-Ħamis, 29 ta' Ġunju 2006, 'Frans Baldacchino Il-Budaj' minn Gino Axisa;
* *L-Orizzont*, it-Tlieta, 27 ta' Ġunju 2006, 'Il-Budaj' - għannej, poeta, u pittur' minn Anton Cassar;
* *It-Torċa*, il-Ħadd, 25 ta' Ġunju 2006, 'Meta waqqfet l-isbaħ għanja Maltija - tislima lil Frans 'il-Budaj' minn Charles Flores;



* Ħajr lir-*Rev. Mario Tong*, Arċipriet tal-Mosta, u lil seħibna s-sur *Philip P. Borg* ta' l-informazzjoni utli li għoġobhom jgħaddulna.
* Grazzi tmur ukoll lil *Pawla Baldacchino*, l-armla ta' Frans, għal kull għajnuna li offritilna.